MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 264/2011

**Beraq Limited (C 10018)**

**vs**

**Rudolph Azzopardi u Market Handle Limited (C 49546)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar id-9 ta' Awwissu 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tordna lill-konvenuti jirrilaxxjaw is-seba' (7) air conditioning units u sittin metru (60m) copper pipe maqbuda permezz ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju Numru 633/11 fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi vs Market Handle Limited' liema *air conditioning units* u copper pipe jappartjenu lis-socjeta' attrici bhala parti mill-benefikati u accessorji tal-fond ossia showroom fil-livell ta' semi basement min-naha ta' GF De Soldanis Street, Birkirkara b'access mill-istess triq di proprjeta tas-socjeta' attrici, u dana previa li jinghataw dawk l-ordnijiet u direttivi li din il-Qorti jistghu jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li qed jigu minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Rudolph Azzopardi ipprezentata nhar l-20 ta' Marzu 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi, l-airconditioning units u copper pipe ma jappertjenux lis-socjeta' rikorrenti bhala parti mill-benefikati u accessorji tal-fond ossia showroom fil-livell ta' semi-basement minn naha ta' Triq GF Soldanis, Birkirkara, u dana stante li l-istess airconditioning units u copper pipe qatt ma gew imhallsa mis-socjeta' intimata Market Handle Limited. Illi minhabba dan in-nuqqas ta' hlas, l-eccipjenti ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 633/2011 fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi Vs Market Handle Limited' u hemm proceduri pendenti fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi Vs Market Handle Ltd' (Rikors Nru. 58/11 FD);*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost gja la darba s-socjeta' Beraq Ltd qed tivvanta pretensjoni fuq l-imsemmija airconditioning units u copper pipe u l-istess socjeta' rikorrenti tippretendi li dawn jappartjenu lilha bhala benefikati*

*u accessorji tal-fond hawn fuq indikat, isegwi illi l-fond in kwistjoni, ossia s-showroom, gie arrekkit indebitament u ghalhekk qed tigi ntavolata l-kontro-talba relattiva.*

3. *Salv' eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi."*

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Rudolph Azzopardi pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2012 fejn espona:

1. *Illi l-esponenti kien biegh seba' airconditioning units u copper pipe lis-socjeta' Market Handle Ltd, liema units u copper piping gew installati fuq struzzjonijiet tas-socjeta' Market Handle Ltd, fil-fond ossia showroom propjeta tas-socjeta' Beraq Ltd li jinsab fi Triq G.F. Aguis De Soldanis, Birkirkara. Illi l-eccipjenti qatt ma thallas ghal airconditioning units u copper pipe;*
2. *Illi s-socjeta' Beraq Ltd qed tippretendi illi l-istess airconditioning units u copper pipe jappartjenu lilha bhala parti mill-benefikati u accessorji tal-fond in kwistjoni;*
3. *Illi ghalhekk is-socjeta' Beraq Ltd arrikkiet ruhha indebitament ghad-dannu ta' Rudolph Azzopardi fl-ammont ta' €8,040 rapprezentanti l-valur ta' airconditioning units u copper piping li gew installati fil-fond imsemmi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

(a) *Tiddikjara illi s-socjeta' Beraq Ltd arrikkiet ruhha indebitament ghad-dannu ta' l-esponenti; u*
(b) *Tikkundanna lis-socjeta' Beraq Ltd thallas lill-esponenti l-ammont ta' €8,040.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' Beraq Limited ghall-kontro-talba ta' Rudolph Azzopardi li giet ipprezentata fit-28 ta' Marzu 2012 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet dedotti fil-konfront taghha mill-konvenut Rudolph Azzopardi bil-Kontro-Talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.*

*Is-socjeta' eccipjenti m'ghandha ebda rapport kontrattwali jew guridiku iehor ma' Rudolph Azzopardi.*

*Ir-rapport kontrattwali u guridiku tas-socjeta' eccipjenti hu mas-socjeta' konvenuta l-ohra Market Handle Limited, naxxenti minn kuntratt ta' lokazzjoni datat 11 ta' Mejju 2010, u in forza ta' tali kuntratt l-airconditioning units ghandhom jitqiesu bhala benefikati fissi fil-fond mikri b'dak il-kuntratt.*

*Inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz is-socjeta' eccipjenti, bhala sid il-fond gia' mikri minnha lis-socjeta' konvenuta l-ohra Market Handle Limited, tgawdi privilegg fuq dak kollu li jinsab fl-istess fond biex jaghmel tajjeb ghal dak lilha dovut mis-socjeta' konvenuta l-ohra, bhala l-ex-inkwilina taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi Dr William Cuschieri ghas-socjeta' Market Handle fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013 ddikjara li s-socjeta' Market Handle ma pprezentatx ir-risposta taghha peress illi fil-fehma taghha din hija kwistjoni purament legali u ghalhekk kien qed jirrimetti ruhu ghall-atti processwali.

**Il-konvenut Rudolph Azzopardi** xehed fl-14 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li Market Handle Limited kienet taghthom *purchase order* u dan sabiex jaghmlu x-xoghol in kwistjoni. Huwa esebixxa kopja ta' din l-ordni li giet immarkata bhala dokument Z. Fil-fatt il-konvenut stqarr li x-xoghol kien gie nstallat minnhom. Ikkonferma li gew installati seba' air condition units u ghalhekk huma bieghu l-airconditioners u nstallaw l-istess air conditioners lill-kumpanija Market Handle. Huwa kkonferma li sal-gurnata tal-lum ghadhom ma thallsux taghhom. Il-firma fuq dan id-dokument Z hija ta' certu Donald li apparentament kien xi Direttur jew manager tas-socjeta' Market Handle.

Effettivament dawn l-airconditioning units kienu gew installati gewwa ufficcju vicin Euro Sport ta' Birkirkara, u dan skont informazzjoni li giet moghtija lilhom minn dan l-istess Donald. Ix-xhud spjega li kienu pprezentaw Mandat ta' Qbid minn naha taghhom u dana kien gie milqugh u kienu marru bil-marixalli biex jiehdu lura dawn l-air condition units. Fil-fatt kienu marru fil-fond bil-ghan li ssir l-elevazzjoni. Pero' effettivament l-elevazzjoni ma saritx ghaliex inqalghu xi problemi u ntoppi. Huwa stqarr li dan id-dokument ma giex iffirmat quddiemu pero' kien hemm tfajla minflok li dahlet fl-ufficju minn wara l-hgieg, ghaddietha lil wiehed ragel u sussegwentament gabitielu ffirmata. Mistoqsi jekk huwiex minnu li din il-firma setghat kienet ta' xi hadd Daniela Callus, wiegeb illi jaf li Daniela Callus kienet bdiet turieh xoghol li kellu jsir f'dawn l-ufficini. Mistoqsi jekk din il-firma setghetx tkun taghha wiegeb li ma jistax jghid dwar dan. Mistoqsi jekk

Daniela Callus jew Donald Micallef kienux prezenti meta marru biex jaghmlu l-elevazzjoni wiegeb li le ma kinux hemm. Il-marixall kien mar biex jeleva l-*air conditioners* wara li huma kienu pprezentaw kawza kontra l-istess socjeta' Market Handle biex jithallsu ta' dan ix-xoghol. Il-kawza pero' ghadha *sub judice* ghaliex hemm appell. Il-mandat in kwistjoni kien wiehed kawtelatorju.

**Joseph Falzon** xehed in rapprezentanza tas-socjeta' attrici fis-27 ta' Marzu 2014 fejn esebixxa ftehim li hu datat 11 ta' Mejju, 2011 liema ftehim gie ffirmat minnu ghan-nom tas-socjeta' attrici mas-socjeta' Market Handle Limited. Dan il-ftehim jirrigwardja showroom fil-livell ta' basement minn naha ta' GM de Soldanis Street, Birkirkara. Ix-xhud tenna li din hija proprjeta' tieghu u filfatt kien kriha lis-socjeta' konvenuta Market Handle Limited. Huwa spjega li l-air conditioners li huma maqbuda permezz ta' Mandat ta' Qbid kawtolatorju numru 633/11 fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi vs Market Handle Limited' jappartjenu lilu. Filfatt hemm referenza ghal dawn l-istess air conditioners fl-iskrittura gja esebita. Illum il-gurnata s-socjeta' Market Handle Limited ma ghadhiex tokkupa l-fond mikri lilha.

In kontro-ezami, ix-xhud iddikjara li fil-fatt is-socjeta' Market Handle qabdet u telqet minn rajha. Mistoqsi jekk l-air conditioners kienux diga' nstallati fil-fond meta effettivament saret il-kirja, wiegeb li iva hemm kienu. Huwa ma jafx min wahhal dawn l-air conditioners u filfatt ma kienx hu li xtrahom. Pero' huwa jiftakar li meta marru biex jelevaw l-air conditioners huwa kien fuq il-post u marru l-Marixxalli tal-Qorti. Mistoqsi jekk kienx prezenti wkoll Rudolph Azzopardi wiegeb li ma jafux u ma jistax jghid. Huwa jaqbel li l-air conditioners ma kienx hu li ordnahom u ghadhom hemm sal-lum.

**Celine Bentley** xehdet bil-lingwa Ingliza fil-15 ta' Mejju 2014 fejn giet murija dokument li huwa ftehim ta' kera u jinsab esebit fl-atti a fol 59 u 60. Hija spjegat li dan il-ftehim sar bejn is-socjetajiet Beraq Limited u Market Handle Limited. Hija kkonfermat li f'dan id-dokument hemm il-firma taghha. Hija kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' Market Handle dak iz-zmien meta ffirmat id-dokument. Mistoqsija jekk kinitx rat il-proprjeta' in kwistjoni qabel ma ffirmat il-ftehim wiegbet li iva marret ratha u kkonfermat li ma kienx hemm air conditioners installati f'din il-proprjeta'. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li Market Handle kienet xtrat numru ta' air conditions minn ghand Rudolph Azzopardi wara li sar il-ftehim ta' kera. Pero' hija ddikjarat li ma ffirmat xejn rigward dan il-ftehim.

Hija giet murija *purchase order* li hija mmarkata bhala Dokument Z u li hija esebita fl-atti a fol 52. Ix-xhud sostniet li m'hemmx il-firma taghha f'dan id-dokument. Mistoqsija jekk taghrafx il-firma ta' dan id-dokument wiegbet li ma tistax taghmel dan ghax m'hemmx isem fil-firma. Hija qatt ma rat din il-firma qabel. Ix-xhud iddikjarat li hija l-unika Direttur tal-kumpanija Market Handle. Mistoqsija jekk tafx lil Donald Micallef wiegbet li tafu izda qalet li l-firma li hemm f'Dok. Z mhix il-firma tieghu. Mistoqsija jekk is-socjeta' Market Handle kienitx hallset ghal dawn l-air conditioners li gew installati wiegbet li m'ghandhiex idea. Hija taf li hemm mandat ta' sekwestru fuq l-accounts tas-socjeta' konvenuta Market Handle u li kollox huwa maqbud pero' hija ma tiftakarx u taf li m'hemm l-ebda dokument fejn tista' tivverifika dan.  Ix-xhud iddikjarat li apparti hi, hadd ma jista' jiffirma fuq cekkijiet ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Hija kkonfermat li dawn l-air conditioners gew uzati sakemm damu f'dan l-ufficcju.

**Celine Bentley** xehdet in kontro-ezami fl-10 ta' Lulju 2014 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjarat li hija ma tafx li seta' kien hemm hadd iehor li ffirma c-cekkijiet ghan-nom tas-socjeta' Market Handle pagabbli lil Rudolph Azzopardi. Hija spjegat li s-

socjeta' Market Handle tinsab fi stadju ta' likwidazzjoni u m'ghadhiex tiffunzjona. Din is-socjeta' kellha xi hmistax-il impjegat maghha u kienet kumpanija ta' reklamar.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Market Handle Limited li giet ipprezentata fid-9 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha gie esebit affidavit tad-Direttrici taghha Celine Bentley liema affidavit kien gie pprezentat fil-kawza bin-numru 303/2011 CSH fl-ismijiet '**Vertex Vending Services Limited vs Beraq Limited et'** u dan sabiex jingab a konjizzjoni tal-Qorti l-isfond fattwali li wassal ghal din il-kawza.

Rat l-affidavit ta' **Celine Lee Bentley** fejn iddikjarat bl-Ingliz illi hija l-unika direttur u *shareholder* tas-socjeta' konvenuta Market Handle Ltd. Hija stqarret li hija gradwat minn *entrepreneur school* u kienet tahdem ma' kumpanija Louis PR li hija bbazata f'Parigi li sservi bhala *hub* ghar-reklamar. Hija kienet tiehu hsieb il-*press releases* tal-klijenti u t-*trade fairs*, kien ikollha intervisti mal-gurnalisti u kienet tikteb artikli ghall-*press*. Hija tghid li probabilment dawn kienu l-ahjar gurnalisti fl-IT, teknologija gdida, *green business* u ekonomija. Hija tenniet li whud mill-klijenti prestigjuzi kienu Lexmark International, Cards and Identification, Sales Force, Kingston u hafna ohrajn.

Hija stqarret li fis-sajf tal-2009 hija kienet Malta fuq studju u ndunat kemm bis-sbuhija tal-pajjiz u bl-opportunitajiet li hawn fl-oqsma tal-PR u tar-reklamar. B'kumbinazzjoni meta kienet Malta ltaqghet ma' zewg imprendituri li wiehed minnhom kien Philippe Maurice Mifsud li kien id-direttur ta' Webconsulta Company Limited u s-sid ta' *autotraderMalta.com*. Filfatt wara, Philippe Maurice kien konsulent ta' Market Handle Limited.

Hija stqarret li bis-sahha ta' Philippe ltaqghet ma' Donald Micallef. Donald Micallef kien jahdem bhala *sales and marketing director* fil-kumpanija Caruana Curran Group. Ix-xhud stqarret illi dan kellu ideat innovattivi u kellu gharfien tajjeb fil-qasam lokali tar-reklamar u kellu wkoll hafna kuntatti. Ftit wara meta hija waqqfet il-kumpanija Market Handle Limited, Donald inghata l-kariga ta' *Chief Executive Officer* f'din il-kumpanija.

Ix-xhud stqarret illi meta rat il-potenzjal li ghandha kumpanija tar-reklamar f'Malta flimkien ma' *entrepreneurs' skills* u l-kuntatti li ghamlet, hija hasset li Malta kienet promettenti ghall-kummerc relatat mal-marketing. Filfatt qalet li din l-opportunita' mhix ta' min tintilef ghax is-suq tar-reklamar f'Malta huwa suq miftuh u Malta qieghda tavvanza wkoll fl-IT u fl-i-gaming. Hawnhekk hija dahlet f'diskussjonijiet u bdiet tippjana biex tiftah kumpanija. Hija kkonsultat lil Donald Micallef biex tkun taf lil min riedet tkellem biex tibda dan il-progett. Donald introduciha ma' kumpanija tal-awditjar mmexxija minn Brian Tonna – Nexia BT li hija kumpanija nternazzjonali u tifforma parti minn *franchise* internazzjonali. Huwa ntroduciha wkoll ma' Dr Clint Calleja li huwa *business lawyer* ma' Demarco and Associates. Dr Calleja taha l-pariri ta' x'kellu bzonn isir biex tinfetah din il-kumpanija u x'ghandha taghmel.

Sussegwentament hija waqfet il-kumpanija taghha Market Handle Limited. Hija kienet kellmet lil Donald ghax riditu jifforma parti mit-tim taghha u huwa nghaqad mal-kumpanija bhala *freelance consultant* u kellu r-rwol ta' *Chief Executive Officer*.

Ix-xhud iddikjarat li s-socjeta' konvenuta giet inkorporata fit-3 ta' Mejju 2010 bl-obbjettivi principali taghha kienu fl-oqsma tal-konsulenza, *marketing, research* u PR. Hija qalet li Donald beda jikkuntattja professjonisti minn Malta li kellhom snin ta' esperjenza fil-qasam u talabhom biex jissiehbu mal-kumpanija.

Wara tliet xhur ta' hafna xoghol fejn saru l-*interviews* kollox beda jiehu postu. Hija kriet l-ufficju minn Joseph Falzon maghruf bhala "Il-Beraq" u jinsab fi Triq GF De Soldanis, Birkirkara. Hija kienet iltaqghet ma' Joseph Falzon minn Donald Micallef. Dan l-ufficju kien inkera bhala *shell form* u kien hemm bzonn li jsir hafna xoghol f'dan l-ufficju.

Is-socjeta' konvenuta ufficjalment fethet il-bibien taghha fl-24 ta' Mejju 2010. Hija kienet stiednet lill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien u cioe' Dr Tonio Fenech ghal dan il-ftuh ufficjali u dan il-ftuh kien irrapportat fil-*media* lokali kollha.

Ix-xhud spjegat li l-ftehim ma' Joseph Falzon kien illi ma jkun hemm l-ebda kera dovuta fl-ewwel sena u hi taghmel *refurbishment* tal-post u thallas €1,500 kera fix-xahar wara l-ewwel sena. Hija ghamlet dan ir-*refurbishment* fuq l-oghla standards u l-kumpanija bdiet topera.

Ix-xhud kienet tokkupa l-kariga ta' direttur u segretarja tal-kumpanija u kienet ukoll il-*business analyst* tal-kumpanija. Hija qalet li wahda mill-ikbar sfidi kienet biex issib *web developers* ta' livell gholi u riedet ukoll nies esperti.

Hija spjegat li l-*business plan* ta’ Market Handle Limited kien ibbazat li jsiru tliet websites li huma Sharehandle, Contacthandle u Mediahandle. Dawn it-tliet *portals* riedu jservu biex joholqu *sales lead* b’sahhitha sabiex Market Handle Limited tkun tista’ taghmel profitt. Pero’ dan l-istadju ha z-zmien biex sar realta’ u ghalhekk damet biex lahqet l-objettivi fil-*business plan* taghha pero’ dan kien accettabbli peress li l-kumpanija kienet ghadha fil-bidu. Dan id-dewmien wassal biex is-*suppliers* idumu biex jithallsu pero’ hafna minnhom fehmu illi kienu qed jissuplixxu lil *startup company* u ghalhekk dan id-dewmien kien accettat. Is-socjeta’ Market Handle Limited f’dan l-istadju kellha ammont sostanzjali ta’ mpjegati apparti x-xhud u Donald Micallef.

Hija spjegat illi ghalkemm il-maggoranza tas-*suppliers* accettaw dan id-dewmien, kien hemm kumpanija partikolari u cioe’ Alfa Company Limited minn fejn inxtrat parti mill-ghamara illi ma taghthomx izjed zmien biex ihallsu l-kontijiet. Filfatt ftit tax-xhur wara ghalkemm is-socjeta’ Market Handle kienet diga’ hallsitha tmint elef ewro (€8,000) kien hemm mandat ta’ qbid. Hija kienet Franza meta sar dan il-mandat. Ghall-ewwel Alfa Company Limited ma nsistietx biex jittiehdu l-oggetti mill-ufficcju ta’ Market Handle Limited. Ix-xhud giet informata li dan il-mandat ta’ qbid sar minn ufficcjali tal-Qorti fejn elenkaw l-affarijiet kollha li jistghu jitnehhew mill-ufficcju, mhux biss l-ghamara mixtrija minghand Alfa Company Limited. Il-*vending machines* li fuqhom saret din il-kawza ma kinux tnizzlu fil-lista peress li m’humiex proprjeta’ ta’ Market Handle Limited.

Il-kumpanija xorta baqghet topera u offrew lil Alfa Company Limited biex tiehu lura l-ghamara u jissetiljaw il-claim pero’ m’accettatx li jsir dan. Sussegwentament Alfa Company Limited fethet kawza l-Qorti biex tikkundanna lil Market Handle Limited biex thallas is-somma flus dovuta u fid-19 ta' Jannar bdiet tinstema’ l-

kawza. Pero’ l-ghada Alfa Company Limited iddecidiet illi terga’ tezegwixxi l-mandat ta’ qbid billi tnehhew l-affarijiet kollha mill-ufficcju tal-kumpanija. Filfatt tnehhew l-ghamara kollha li Alfa Company Limited kienet issuplixxiet, *computers, servers* u *telephone systems* li kienu mimlija informazzjoni li l-impjegati kienu gabru fit-tmien xhur li l-kumpanija kienet ilha topera. Hija sostniet li din l-informazzjoni kienet krucjali ghall-kumpanija biex tkun tista’ topera. Skont id-digriet tal-Qorti l-kumpanija Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited u Elaine Sant Galea kienu gew appuntati bhala kunsinnatari u l-affarijiet kellhom jinzammu gewwa “Begonia Stores”, Triq il-Pitkali, Attard. L-affarijiet li tnehhew jinkludu *computers, servers*, sufanijiet, siggijiet, settijiet tat-telefon u s-sistema PABX. Pero’ l-*vending machines*, l-*aquarium,* il-karti u d-dokumenti ma tnehhewx.

Ix-xhud sostniet illi Market Handle Limited tant kemm spiccat f’sitwazzjoni hazina illi kellha titlef l-impjegati kollha taghha. Hija temmen illi din ma kinitx l-intenzjoni ta’ Alfa Company Limited ghax ma kinitx qed thalli lis-socjeta’ konvenuta milli tkompli topera. Wara xi xahrejn anke l-post ittiehed ghax ma setghatx tithallas il-kera ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) fix-xahar. Hadd ma seta’ jidhol fil-proprjeta’ u Market Handle Limited ma setghatx tkompli topera. Kull talba lil Alfa Company Limited biex thalli lil Market Handle Limited tkompli topera ma ntalqatx.

Sadanittant l-avukati tax-xhud li huma Dr William Cuschieri u Dr Malcolm Cassar offrew hafna drabi biex l-ghamara mixtrija minghand Alfa tohodha lura halli jispicca d-dejn. Din l-ghamara in kwistjoni kienet ghadha gdida. Market Handle Limited fethet applikazzjoni wkoll il-Qorti sabiex titnehha parti mill-mandat ta’ qbid dawk l-affarijiet li ma gewx mixtrija minghand Alfa Company. Hija tghid li flimkien ma’ din l-applikazzjoni gewipprezentati dokumenti li juru li l-valur tal-

affarijiet maqbuda kien jaqbez l-ammont mitlub u li dawn l-affarijiet kienu bzonnjuzi biex il-kumpanija tkun tista' tiffunzjona.

Fl-14 ta' Gunju 2011 l-kaz gie solvut fis-sens li Alfa kienet lesta li tirritorna l-affarijiet lil Market Handle Limited u zzomm l-affarijiet li hija kienet bieghet lil Market Handle Limited. Pero' Alfa Company Limited talbet ghall-hlas tal-ispejjez tal-Qorti u peress illi Market Handle Limited ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel dawn il-pagamenti hija lahqet kompromess ma' Alfa Company Limited li thallasha permezz ta' reception desk. Hija ferhet b'din l-ahbar halli l-kumpanija terga' tibda tahdem u tkun tista' timpjega *staff* gdid.

Sfortunatament meta fis-17 ta' Gunju 2011 hija baghtet lil Donald Micallef biex jigbor l-affarijiet li kienu mizmuma gewwa "Begonia Stores", Triq il-Pitkali, Attard skond id-digriet tal-Qorti huwa cemplilha u qalilha li Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited kienet hadet dawn l-affarijiet li kienu mizmuma go container go xi ghalqa jew *dump yard* f'Hal Saptan, limiti ta' Birzebbugia u vicin tal-Ajruport ta' Hal Luqa. Hija sostniet li dan sar minghajr il-kunsens taghha u minghajr ma kienet giet infurmata. Ix-xhud talbet lil Donald biex imur ghaliha mill-ewwel u marru l-ghassa tal-pulizija ta' Birzebbugia fejn ghamlu rapport. L-Ispettur tal-Pulizija flimkien ma' pulizija ohrajn akkompanjawhom fil-post fejn kien hemm l-affarijiet taghhom, fethuh u staqsew lix-xhud u lil Donald sabiex jistabilixxu jekk insterqux xi affarijiet jew le.

Malli dahlet f'dan il-container ix-xhud indunat li kien hemm xi haga hazina u kienet saret serqa. Hija ddikjarat li l-maggoranza tal-affarijiet insterqu, inkluz il-computers kollha, *servers* u d-*data storing hardware* li fiha kien hemm hafna

informazzjoni sensittiva. Pero' l-oggetti li kellhom jigu ritornati lil Alfa Company Limited kienu ghadhom hemm.

Sussegwentament saret inkjesta u l-Perit Richard Aquilina li kien gie appuntat mill-Magistrat Inkwerenti bhala espert gabar ix-xhieda tax-xhud, ta' Donald u tal-impjegati ta' Alfa Company Limited u ta' Fahrenheit.

Ix-xhud sostniet illi ghalkemm huwa minnu li s-socjeta' attrici issuplixxiet il-kafe u l-*vending machines* lill-Market Handle Limited fil-bidu tal-operat tal-kumpanija, hija qatt ma ffirmat jew awtorizzat lil Daniela Callus jew lil xi hadd iehor biex jiffirma xi ftehim ghan-nom ta' Market Handle Limited mas-socjeta' attrici. Hija ddikjarat li l-ftehim esebit minn Vertex Vending Services Limited fl-atti qatt ma kienet ratu qabel ma gie pprezentat fil-kawza.

Ix-xhud tiftakar li meta marru l-ufficjali tal-Qorti biex jelenkaw l-affarijiet u meta dawn l-oggetti effettivament ingabru hija kienet cemplet lil Vertex Vending Services Limited u talbithom biex inehhu dawn il-magni ghax bezghat li kienu ser jitnehhew mill-ufficjali tal-Qorti. Pero' Vertex Vending Services Limited ma marritx tigborhom dawn il-magni.

Hija spjegat li ezatt wara li l-oggetti tnehhew mill-bini huma ma thallewx jidhlu fil-bini mis-sid. Dan gara fi Frar jew Marzu, 2011. B'hekk hija qed tikkonferma l-ewwel talba fis-sens li Market Handle Limited ma kinitx fil-pussess ta' dawn il-magni fix-xhur ta' qabel il-kawza giet intavolata. Hija tifhem illi dawn il-magni ghadhom hemm sal-gurnata tal-lum. Hija kkonfermat ukoll illi Market Handle Limited ma kkawzat l-ebda hsara u ma hi responsabbli ta' ebda danni b'referenza

ghal dak li qed tghid Vertex Vending Services Limited. Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza kienu kagun tal-azzjonijiet ta' Alfa Company Limited illi waslu lil Market Handle Limited biex titlaq mill-ufficcju taghha. Hija sostniet illi jekk Vertex Vending Services Limited soffriet minn xi danni dan huwa kagun ta' Alfa Company Limited u ghandha twiegeb ghalihom hi.

Rat illi nhar id-9 ta' Ottubru 2014 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet u trattaw il-kawza u talbu li tibqa' ghas-sentenza.

Jinghad minnufih li l-affidavit appena citat li gie prezentat mill-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta Market Handle m'ghandux rilevanza ghall-kaz in desamina u ghalhekk ftit li xejn ser issir referenza ghalih.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob sabiex ikun hemm rilaxx ta' seba' *air conditioning units* u sittin metru *copper pipe* maqbuda permezz ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru 633/11 fl-ismijiet '**Rudolph Azzopardi vs Market Handle Limited'** u dan ghaliex issostni li tali oggetti llum huma proprjeta' taghha abbazi ta' dak li kien gie miftiehem fil-kuntratt ta' kiri bejnha u s-socjeta' Market Handle u appuntu fl-iskrittura esebita fl-atti a fol. 59 immarkata bhala Dok. CSH datata l-1 ta' Mejju 2010. Issir referenza ghal klawsola numru 7 tal-istess ftehim li jipprovdi s-segwenti:

*"Kull benefikat fiss li l-inkwilini jaghmel fil-fond jibqa' a favur is-sid fit-terminazzjoni ta' din il-lokazzjoni ghal kwalsiasi raguni u l-inkwilin ma jkollux id-dritt ghal xi kumpens jew indennizz ghal tali benefikat. Ghal kull fini tajjeb jigi dikjarat illi ducting u wiring ta' airconditioning u air conditioning units ghandhom jitqiesu bhala benefikati fissi."*

Illi s-socjeta' attrici ressqet bhala xhud taghha lid-Direttur Joseph Falzon jixhed u jispjega li huwa kien kera l-fond gewwa Triq De Soldanis B'Kara lis-socjeta' konvenuta Market Handle Limited ghall-perjodu ta' ghaxar snin u dan fl-1 ta' Mejju 2010 pero' minhabba sitwazzjoni li hu ma kellux kontroll fuqha, is-socjeta' konvenuta telqet minn dan il-fond wara li naqset li thallas il-kera dovuta. Illi ghalkemm jaf li l-airconditioning units u l-copper pipe imqabbda maghhom ma xtrahomx hu, xorta qed jippretendi li huma tieghu abbazi ta' dak li ghadu kif gie rapportat u cioe' abbazi tal-klawsola numru 7 tal-ftehim esebit fl-atti.

In vista ta' din is-sottomissjoni, il-kovenut Rudolph Azzopardi pprezenta kontro-talba fejn qed jitlob li allura s-socjeta' attrici thallsu l-prezz tal-air conditioners stante li huwa kien ghadu ma thallasx taghhom. Fuq din it-talba s-socjeta' attrici tikkontendi li hija m'ghandha l-ebda rapport kuntrattwali mal-konvenut Rudolph Azzopardi ghaliex hija ma ordnat u ma talbet ghal xejn minghandu u ghalhekk tali talba tieghu ghandha tigi rigettata wkoll.

Dwar il-kwistjoni ta' rapport kuntrattwali din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et</u>**', deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk*

*provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur- kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."*

Issa fil-kaz in desamina l-bejgh li ghamel Rudolph Azzopardi kien lis-socjeta' konvenuta Market Handle Limited u ghalhekk ir-relazzjoni tieghu hija biss

maghha. Il-konvenut fil-kontro-talba tieghu jallega li s-socjeta' attrici arrikkiet ruhha indebitament ghad-dannu tieghu.

Il-kuncett ta' arrikkiment indebitu hu definit fl-**Artikolu 1028A** tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

"Min, **minghajr kawza gusta**, jarrikkixxi ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna" *(enfasi tal-Qorti).*

Issa kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet '**Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd**', deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Frar 2010 jehtieg li:

*"Kombinati flimkien ghandu jirrizulta illi l-presupposti ta' l-arrikkiment jinkludu:-*

*(i) l-arrikkiment ingustifikat,*
*(ii) id-dannu,*
*(iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment*
*(iv) in-nuqqas ta' gusta kawza, u*
*(v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi."*

Issa fil-kaz in desamina zgur li tezisti azzjoni ohra u cioe' dik li l-konvenut Rudolph Azzopardi ifittex bhala debitur tieghu s-socjeta' konvenuta Market Handle ghal dak li hu jippretendi li ghandu jiehu u ghalhekk l-estremi ta' din l-azzjoni zgur li ma jinkwadrawx fil-kaz in desamina.

Konsegwentement il-kontro-talba tal-konvenut Rudolph Azzopardi qieghda tigi michuda in toto.

Dwar it-talba tas-socjeta' attrici jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-oggetti li qed jintalbu fil-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 633/11 fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi vs Market Handle Limited' illum huma nstallati fil-fond tas-socjeta' attrici. Illi skond il-ftehim li kien gie ffirmat bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Market Handle dawn kellhom jibqghu fil-fond li kien gie mikri lilha mat-terminazzjoni tal-kirja u kellhom imorru ghall-beneficcju tal-istess sid tal-fond, cioe' is-socjeta' attrici u ghalhekk stante li llum-il gurnata tali oggetti jappartjenu lis-socjeta' attrici, dawn m'ghandhomx jibqghu maqbuda b'dan l-istess Mandat ta' Qbid kawtelarju numru 633/11.

**Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Rudolph Azzopardi, qieghda tichad il-kontro-talba tieghu sabiex il-Qorti tiddikjara li s-socjeta' attrici arrikkiet ruhha ghad-dannu tieghu u sabiex tigi ikkundannata thallsu s-somma ta' tmint elef u erbghin ewro (€8,040) u qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut Rudolph Azzopardi u qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qieghda tordna li s-seba'** ***air conditioning units*** **u s-sittin metru** ***copper pipe*** **maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju 633/11 fl-ismijiet 'Rudolph Azzopardi vs Market Handle Limited' jigi rilaxxjati minnufih minn tali mandat.**

**Tordna li l-ispejjez tal-kawza kollha, inkluz dawk tal-konvenuta Market Handle Limited jithallsu kollha mill-konvenut Rudolph Azzopardi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------